MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2011

Numru 1324/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jeffrey Cilia)**
**(Spettur James Grech)**

**Vs**

**STEPHEN MIFSUD**
**RYAN DEBATTISTA**
**STEVE GALEA**

**Illum, 15 ta' Dicembru 2011**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputati **STEPHEN MIFSUD** ta' disa' u tletin sena, bin Carmel u Maria nee' Debono, imwieled Pieta' fit-8 ta' Lulju 1972, m'ghandux indirizz fiss, u detentur tal-Karta ta'

l-Identita’ bin-numru 425172M, **RYAN DEBATTISTA** ta’ ghoxrin sena, bin Glenn u Theresa nee’ Cordina, imwieled Pieta’ fit-13 ta’ Jannar 1991, residenti 124, Chaffinch, Triq il-Wied, Mosta u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 73791M u **STEVE GALEA** ta’ dsatax-il sena, bin Leslie u Margaret nee’ Cordina, imwieled Pieta’ fil-25 ta’ Lulju 1992, residenti 50, Canadian, Triq M.A. Vassalli, Qormi u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 368692M gew imressqa quddiemha akkuzati:

**Lil Stephen Mifsud, Ryan Debattista u Steve Galea flimkien:**

1. Talli matul il-lejl ta’ bejn il-hamsa u ghoxrin (25) u s-sitta u ghoxrin (26) ta’ Novembru 2011 f’dawn l-gzejjer assocjaw ruhhom flimkien bil-ghan li jaghmlu delitt li ghalieh hemm piena ta’ prigunerija u cioe’ d-delitt ta’ serq ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li jaqbez l-ammont ta’ €2,329.94 (elfejn, tlett mija u disa’ u ghoxrin Ewro w erba’ u disghin Ewro centezmu) u kif ukoll bil-hin;

**Lil Ryan Debattista u Steve Galea wahedhom:**

2. Talli flimkien ma’ persuni ohra fil-lejl ta’ bejn il-hdax (11) u t-tnax (12) ta’ Frar 2011 gewwa Triq Sant’Andrija, Swieqi ikkommettew serq ta’ flus kontanti ta’ ammont li jeccedi €2,329.37 (elfejn, tlett mija u disa’ u ghoxrin Ewro w seba’ u tletin Ewro centezmu), minn Wembley Petrol Station liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li jeccedi €2,329.37 (elfejn, tlett mija u disa’ u ghoxrin Ewro w seba’ u tletin Ewro centezmu) u bil-hin ghad-detriment ta’ Christopher Bonello u / jew persuni ohra;

3. u aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta’ hsara ma jiskorrix € 1,164.69 (elf, mija u erba’ u sittin Ewro u disgha u sittin Ewro centezmu) imma huwa izjed minn € 116.47 (mija u sittax-il Ewro u seba’ u erbghin Ewro centezmu) ghad-dannu ta’ Christopher Bonello u / jew persuni ohra;

4. u aktar talli flimkien ma' persuni ohra nhar is-seba' u ghoxrin (27) ta' Ottubru 2011 ghall-habta tas-siegha u tmintax-il minuta ta' filghodu (01:18hrs) gewwa Triq il-Mitjar, Luqa ikkommettew serq ta' flus kontanti ta' ammont li jeccedi €232.94 (mitejn u tnejn u tletin Ewro u erba' u disghin centezmu), minn Magri Petrol Station, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li jeccedi €232.94 (mitejn u tnejn u tletin Ewro u erba' u disghin centezmu) izda mhux aktar minn €2,329.37 (elfejn, tlett mija u disa' u ghoxrin Ewro w seba' u tletin Ewro centezmu) u bil-hin ghad-detriment ta' Joseph Magri u / jew persuni ohra;

5. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta' hsara ma jiskorrix € 1,164.69 (elf, mija u erba' u sittin Ewro u disgha u sittin Ewro centezmu) imma huwa izjed minn € 116.47 (mija u sittax-il Ewro u seba' u erbghin Ewro centezmu) ghad-dannu ta' Joseph Magri u / jew persuni ohra;

6. u aktar talli flimkien ma' persuni ohra fil-lejl ta' bejn l-ghaxra (10) u l-hdax (11) ta' Novembru 2011 gewwa Triq il-Ponta ta' Dragut, Sliema, ikkommettew serq ta' zewg pjanci ta' registrazzjoni ta' vettura bin-numru KAA 253 liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Paul Edgar Busuttil u / jew persuni ohra;

7. u aktar talli flimkien ma' persuni ohra nhar il-hdax (11) ta' Novembru 2011 bejn in-nofs siegha ta' filghodu (00:30hrs) u s-siegha u kwart ta' filghodu (01:15hrs) minn gewwa Paul & Rocco Petrol Station, Triq is-Salib tal-Marsa, Marsa bil-hsieb li jaghmlu delitt ta' serq, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mil-volonta' taghhom, liema serq, kieku sar, kien ikun ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-hin u bil-valur li jeccedi l-ammont ta' €2,329.37 (elfejn, tlett mija u disa' u ghoxrin Ewro w

seba' u tletin Ewro centezmu) ghad-detriment ta' Paula Pace u / jew persuni ohra;

8. u aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta' hsara ma jiskorrix € 1,164.69 (elf, mija u erba' u sittin Ewro u disgha u sittin Ewro centezmu) imma huwa izjed minn € 116.47 (mija u sittax-il Ewro u seba' u erbghin Ewro centezmu) ghad-dannu ta' Paula Pace u / jew persuni ohra;

9. u aktar talli flimkien ma' persuni ohra nhar il-hdax (11) ta' Novembru 2011 bejn is-saghtejn neqsin kwart ta' filghodu (01:45hrs) u is-saghtejn ta' filghodu (02:00hrs) gewwa Triq l-Imdina, Attard, ikkommettew serq ta' cash register ta' valur li jeccedi € 232.94 (mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin Ewro centezmu), minn Michael Attard Petrol Station, liema serq huwa ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-ammont ta' € 232.94 (mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin Ewro centezmu) izda mhux aktar minn €2,329.37 u bil-hin ghad-detriment ta' Michael Attard u / jew persuni ohra;

10. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta' hsara ma jiskorrix € 1,164.69 (elf, mija u erba' u sittin Ewro u disgha u sittin Ewro centezmu) imma huwa izjed minn € 116.47 (mija u sittax-il Ewro u seba' u erbghin Ewro centezmu) ghad-dannu ta' Michael Attard u / jew persuni ohra;

11. u aktar talli flimkien ma' persuni ohra nhar il-hdax (11) ta' Novembru 2011 ghal habta tat-tlieta u ghoxrin ta' filghodu (03:20hrs) minn gewwa Santa Marija Petrol Station, Triq il-Kbira, Mellieha bil-hsieb li jaghmlu delitt ta' serq, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mil-volonta' taghhom, liema serq, kieku sar, kien ikun ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-hin u bil-valur li jeccedi l-ammont ta'

€2,329.37 (elfejn, tlett mija u disa' u ghoxrin Ewro w seba' u tletin Ewro centezmu) ghad-detriment ta' Reuben Farrugia u / jew persuni ohra;

12. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta' hsara ma jiskorrix € 1,164.69 (elf, mija u erba' u sittin Ewro u disgha u sittin Ewro centezmu) imma huwa izjed minn € 116.47 (mija u sittax-il Ewro u seba' u erbghin Ewro centezmu) ghad-dannu ta' Reuben Farrugia u / jew persuni ohra;

**Lil Ryan Debattista wahdu:**

13. Talli flimkien ma' persuni ohra, f'xi hin matul il-lejl ta' bejn it-tnax (12) u t-tlettax (13) ta' Dicembru 2010 ikkommetta serq ta' makna tas-sigaretti kontenenti f'ammont ta' paketti tas-sigaretti u flus kontanti u kif ukoll cash register kontenenti flus kontanti minn gewwa D'Arc Bar & Restaurant, Triq Valletta, Hal Luqa, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur il jeccedi €2,329.37 (elfejn, tlett mija u disa' u ghoxrin Ewro w seba' u tletin Ewro centezmu) u bil-hin ghad-detriment ta' Sabrina Debattista u / jew persuni ohra;

14. u aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta' hsara ma jiskorrix € 1,164.69 (elf, mija u erba' u sittin Ewro u disgha u sittin Ewro centezmu) imma huwa izjed minn € 116.47 (mija u sittax-il Ewro u seba' u erbghin Ewro centezmu) ghad-dannu ta' Sabrina Debattista u / jew persuni ohra;

15. ukoll talli b'hekk, b'diversi atti maghmulin minnu anki jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rezoluzzjoni wahda, kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposta mill-Qorti preseduta mill-Magistrat Dr Giovanni Grixti LL.D. fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Ottubru 2007, b'dan illi ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja u kif

ukoll li jirtira gewwa d-dar fejn joqghod mhux izjed tard mill-ghaxra ta' bil-lejl (22:00hrs) u ma johrogx minn hemm qabel it-tmienja (08:00hrs) ta' l-ghada filghodu waqt li jkun mehluz mill-arrest u dan taht garanzija personali ta' €2,329.37 (elfejn, tlett mija u disa' u ghoxrin Ewro w seba' u tletin Ewro centezmu) (Lm 1,000) fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti;

**Lil Stephen Mifsud wahdu:**

16. talli b'hekk renda ruhu recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru defenittivi u ma jistghux jigu mibdula u dan ai termini ta' l-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' **RYAN DEBATTISTA** u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' €2,329.37 (elfejn, tlett mija u disa' u ghoxrin Ewro w seba' u tletin Ewro centezmu) bhala garanzija personali tghaddi favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(2)(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat **RYAN DEBATTISTA** u **STEVE GALEA** ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza u id-dokumenti kollha esebiti fosthom l-istqarrija rilaxxata mill-imputat Steve Galea nhar is-27 ta' Novembru 2011 a fol. 12 et seq, l-istqarrija rilaxxata mill-imputat Ryan Debattista nhar is-27 ta' Novembru 2011 a fol. 18 et seq, l-istqarrija rilaxxata mill-imputat Stephen Mifsud nhar is-27 ta' Novembru 2011 a fol. 23 et seq, sitt okkorrenzi a fol. 25 et seq, fedini penali tat-tliet imputati mmarkati 'D', 'E' u 'F' a fol. 44 et seq, tliet certifikati tat-twelid tat-tliet imputati mmarkati 'G', 'H' u 'I' a fol. 56 et seq) u invit ta' tieg a fol. 59.

Il-Qorti, fis-seduta tas-27 ta' Novembru 2011, semghet lill-imputati jiddikjaraw li ghandhom problema tad-droga fejn

il-Qorti tat r-rakkomandazzjonijiet taghha lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex Ryan Debattista u Steve Galea jinzammu fit-taqsima YOURS u sabiex l-imputati kollha jinghataw l-ghajnuna medika sabiex jippruvaw jeghlbu l-vizzju taghhom. Fl-istess seduta l-imputat Stephen Mifsud stqarr ukoll li ghandu l-istess problema ta' abbuz ta' droga u ghalhekk din il-Qorti tat r-rakkomandazzjoni taghha lid-Direttur tal-Habs sabiex jassistih f'dan ir-rigward ukoll.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur Spettur Jeffrey Cilia jiddikjara nhar l-ewwel (1) ta' Dicembru 2011 illi sa fejn hu infurmat fil-konfront ta' Stephen Mifsud hemm kawza pendenti dwar estorzjoni ta' flus u li fil-konfront ta' Ryan Debattista kien hemm kawza pendenti tad-distrett.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati kif registrata waqt is-seduta tas-27 ta' Novembru 2011 u kkonfermata mill-gdid fis-seduta tal-ewwel (1) ta' Dicembru 2011 w ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibhom hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputati b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u taghthom zmien xieraq biex jekk riedu, setghu jergghu lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni taghhom giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tas-seba' u ghoxrin (27) ta' Novembru 2011, kif ikkonfermata mill-gdid fis-seduta ta' l-ewwel (1) ta' Dicembru 2011 u dana fil-prezenza tal-avukat difensur taghhom.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti hija rinfaccjata b'ammissjoni tat-tliet imputati u ghalhekk hija sejra titratta biss il-kwistjoni ta' piena li ghandha terroga fil-konfront taghhom. Jinghad *ab initio* li s-sitwazzjoni tat-tliet imputati mhix l-istess u dan ghaliex filwaqt li l-imputat Stephen Mifsud ghandu certu eta' li timplika li ghandu jkollu certu maturita' l-ko-akkuzati Ryan Debattista u Steve Galea huma izghar fl-eta' u inoltre il-kondotta taghhom m'ghandhiex x'taqsam ma' dik ta'

Mifusd u dan qed jinghad ghaliex filwaqt li Mifsud ghandu gja hamsa u ghoxrin *conviction*, Galea ghandu kondotta nadifa u ghalhekk ghandu jigi trattat bhala *first time offender;* Debattista ghandu *conviction* wahda fejn gie kkundanat ihallas multa fuq akkuza ta’ portata zghira.

Din il-Qorti tibda biex tghid li fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti ta' dawn il-Qrati, meta jkun hemm ammissjoni, huwa xi ftit jew wisq odjuz appell mill-piena sakemm din tidhol fil-parametri prefissi mil-ligi. Dan ghaliex min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabbilta` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista’ tasal ghaliha.

Dwar il-kwistjoni ta’ disparita` f’sentenzi,din il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appelli Kriminali nhar it-13 ta’ Ottubru 2010 fl-ismijiet ‘**Il-Pulizija vs Richard Edwards’** fejn saret referenza ghal awturi Inglizi fejn il-Qrati Inglizi kellhom okkazjoni jittrattaw sitwazzjonijiet simili u minn dik il-gurisprudenza wiehed jista’ jislet certi linji ta’ gwida.

**F’*Blackstone’s Criminal Practice*, 2001** (para. D22.47 a fol. 1650) jinghad:

“A marked difference in the sentences given to joint offenders is sometimes used as a ground of appeal by the offender receiving the heavier sentence. The approach of the Court of Appeal to such appeals has not been entirely consistent. The dominant line of authority is represented by *Stroud* (1977) 65 Cr App R 150. In his judgment in that case, Scarman LJ stated that disparity can never in itself be a sufficient ground of appeal - the question for the Court of Appeal is simply whether the sentence received by the appellant was wrong in principle or manifestly excessive. If it was not, the appeal should be dismissed, even though a co-offender was, in the Court of Appeal’s view, treated with undue leniency. To reduce the heavier sentence would simply result in two rather than one, overlenient penalties. As his lordship put it, ‘The appellant’s proposition is that where you have one wrong

sentence and one right sentence, this court should produce two wrong sentences. That is a submission which this court cannot accept'. Other similar decisions include ***Brown*** [1975] Crim LR 177, **Hair** [1978] Crim LR 698 and **Weekes** (1980) 74 Cr App R 161…. However, despite the above line of authority, cases continue to occur in which the Court of Appeal seems to regard disparity as at least a factor in whether or not to allow an appeal (see, for example, ***Wood*** (1983) 5 Cr App R (S) 381). The true position may be that, if the appealed sentence was clearly in the right band, disparity with a co-offender's sentence will be disregarded and any appeal dismissed, but where a sentence was, on any view, somewhat severe, the fact that a co-offender was more leniently dealt with may tip the scales and result in a reduction.

"Most cases of disparity arise out of co-offenders being sentenced by different judges on different occasions. Where, however, co-offenders are dealt with together by the same judge, the court may be more willing to allow an appeal on the basis of disparity. The question then is whether the offender sentenced more heavily has been left with 'an understandable and burning sense of grievance' (**Dickinson** [1977] Crim LR 303). If he has, the Court of Appeal will at least consider reducing his sentence. Even so, the prime question remains one of whether the appealed sentence was in itself too severe. Thus, in **Nooy** (1982) 4 Cr App R (S) 308, appeals against terms of eighteen months and nine months imposed on N and S at the same time as their almost equally culpable cooffenders received three months were dismissed. Lawton LJ said:

"There is authority for saying that if a disparity of sentence is such that appellants have a grievance, that is a factor to be taken into account. Undoubtedly, it is a factor to be taken into account, but the important factor for the court to consider is whether the sentences which were in fact passed were the right sentences."

**Archbold,** f'***Criminal Pleading, Evidence and Practice,*** 2001 (para. 5-174, p. 571) jikkummenta hekk:

"Where an offender has received a sentence which is not open to criticism when considered in isolation, but which is significantly more severe than has been imposed on his accomplice, and there is no reason for the differentiation, the Court of Appeal may reduce the sentence, but only if the disparity is serious. The current formulation of the test has been stated in the form of the question: 'would right thinking members of the public, with full knowledge of the relevant facts and circumstances, learning of this sentence consider that something had gone wrong with the administration of justice?' (per Lawton L.J. in **R. v. Fawcett,** 5 Cr. App.R.(S) 158 C.A.). The court will not make comparisons with sentences passed in the Crown Courts in cases unconnected with that of the appellant (see **R. v. Large**, 3 Cr.App.R.(S) 80, C.A.). There is some authority for the view that disparity will be entertained as a ground of appeal only in relation to sentences passed on different offenders on the same occasion: see **R.v. Stroud**, 65 Cr. App.R. 150, C.A. It appears to have been ignored in more recent decisions, such as **R. v. Wood***,* 5 Cr.App.R.(S) 381. C.A., *Fawcett*, ante, and *Broadbridge*, ante. The present position seems to be that the court will entertain submissions based on disparity of sentence between offenders involved in the same case, irrespective of whether they were sentenced on the same occasion or by the same judge, so long as the test stated in *Fawcett* is satisfied."

Jinghad ukoll b'referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Maurice Agius'** deciza fit-13 ta' Novembru, 2009 li, '*filwaqt li gudikant, fil-ghoti tal-piena ghandu jiehu kont tal-impatt tar-reat fuq is-socjeta`, tar-reazzjoni tas-socjeta` ghal dak it-tip ta' reat (tali reazzjoni hija r-rifless ta' dak l-impatt), il-gudikant mhux qieghed hemm biex jissodisfa l-ghajta ta' dawk li, ma' kull sentenza, tarahom jiktbu fil-gazzetti jew f'xi blog fuq l-internet biex jikkritikaw kollox u bl-addocc ghax minghalihom li saru issa esperti anke fil-ligi u fil-mod kif is-sentenzi ghandhom jigu decizi.'*

Kif qal Lord Justice Lawton fil-kawza **'R v. Sargeant'** fejn intqal "*Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand they must not disregard it. Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion."*

Fil-konfront ta' **Stephen Mifsud.**

Jinghad li l-imputat Stephen Mifsud gie misjub hati mill-Qrati mhux inqas minn hamsa w ghoxrin darba ta' reati serji, u partikolarment tar-reat kontinwat ta' serq aggravat, fejn kienu nvoluti numru kbir ta' serqiet, ta' kkagunar ta' danni volontarji, ta' pusses u traffikar ta' droga eroina, ricettazzjoni, ksur tal-ordinanza tat-traffiku, kkagunar ta' feriti hfief fuq diversi persuni fosthom minuri, ghex minn fuq il-qliegh ta' prostituzzjoni u nuqqas t'obbidjenza lejn l-ordnijiet ta' ufficcjal pubbliku. Illi bhala pieni, l-imputat daqhom kollha u cioe' inghata liberazzjonijiet kondizzjonali, probation orders, sentenzi ta' priguneriji sospizi u sahansitra anke sentenzi effettivi ta' diversi snin prigunerija. Tant li fil-fatt huwa kkometta dan il-kaz l-ghada li hareg minn erba' snin prigunerija .

Fl-ikkalibrar tal-piena, il-Qorti trid tara l-fatti specji tal-kaz li jkun u ftit li xejn tista' tigi gwidata minn dak li jkun gie deciz minn Qrati ohra f' kazijiet fejn il-fatti specji jkunu differenti. Certament li f'dan il-kaz ma jistax jigi applikat xi provvediment ta' sentenza sospiza ladarba l-imputat instab hati tar-recidiva. L-alternattiva tal-*probation,* ghalkemm mhix prekluza bil-ligi kif inhi, ma hix indikata fil-fehma ta' din il-Qorti, meta provvedimenti simili ma kienu servew ghal xejn fi proceduri precedenti.

B' dana kollu, matul dawn is-snin kollha l-imputat ma wera ebda sinjal ta' riforma anzi kompla jirranka fil-hajja kriminuza tieghu, b'mod li llum huwa recidiv plurimu w jidher li jirraprezenta minaccja ghas-socjeta'. Dan kollu ma jistax ma jigix rifless fil-piena li trid tigi erogata minn din il-Qorti. Il-Qorti trid taghti messagg lis-socjeta' li sitwazzjoni bhal din hija ta' min jistmerraha u ghalhekk tali

stmerrija ghandha tigi riflessa fis-sentenza. Din il-Qorti ma tistax taghti l-impressjoni li qisu xejn m'hu xejn, u ghalhekk thoss li ghandha tindirzza dan il-kaz fil-konfront ta' dan l-imputat bl-aktar mod serju sabiex l-imputat jaghraf li zbalja, bil-ghan li l-piena li ser tinghata tiswih bhala deterrent ghall-futur. Irid jinghad li l-imputat huwa akkuzat li huwa recidiv u ghalhekk din il-Qorti trid tqis din ic-cirkostanza wkoll fl-ghoti tal-piena taghha.

Il-Qorti tirrileva li l-imputat huwa akkuzat principalment bir-reat ta' assocciazzjoni fir-reat ta' serq aggravat bil-mezz, vjolenza, valur u hin skond l-Artikolu 38A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Issa skond is-sub artikolu (1) tal-Artikolu 48A il-piena ghandha tkun dik ghal delitt kkunsmat li jkun l-ghan ta' tali assocjazzjoni mnaqqsa b'zewg gradi jew tlieta u is-sub artikolu (4) ta' l-istess artikolu jipprovdi ulterjorment li ghall-ghanijiet tas-sub artikolu (3) sabiex tigi stabbilita l-piena ghar-reat shih li jkun l-ghan ta' l-assocjazzjoni ghandhom jitqiesu c-cirkostanzi <u>kollha</u> li jaggravaw dak ir-reat u ghalhekk l-aggravji tal-mezz, hin, valur u vjolenza.

Jinghad ukoll li l-imputat huwa recidiv fil-kaz ta' serq u s-sub artikolu (1) ta' l-Artikolu 289 ta' l-istess Kap 9 jipprovdi li f'kaz ta' serq tat-tielet kundanna jew ohrajn warajha il-piena tista' tizdied minn grad sa tlett gradi.

Illi tenut kont dan kollu l-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi fuq citati Artikoli 48 A, 49, 50, 277 (b), 280 (2), 289, 325 (b), 533 u 579(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, hija tal-fehma li l-imputat ghandu jigi kkundannat piena ta' **<u>prigunerija ta' sentejn u nofs effettivi.</u>**

Fil-konfront ta' **Ryan Debattista u Steve Galea.**

Bhala procedura generali il-process mentali li gudikant ghandu jsegwi, hu li l-ewwel jiddetermina x'ghandha tkun ("oggettivament") il-piena li kieku ma kienx hemm l-ammissjoni tal-hati u/jew il-koperazzjoni tieghu fil-kors ta' l-investigazzjoni u wara, f'kaz li jkun hemm tali ammissjoni u/jew koperazzjoni, jara jekk il-kaz partikolari jkunx

jimmerita "discount" minhabba dik l-ammissjoni u/jew koperazzjoni.

Il-buon sens, pero`, jissuggerixxi diversi cirkustanzi, u kriterji ohra, li ghandhom jitqieghdu fil-kfief tal-mizien qabel ma tiddeciedi fuq il-piena, u cioe’: l-gravita` tar-reat, il-mod kif ikun twettaq, l-impatt fuq is-socjeta`, l-hsara rizultanti, jekk wiehed ghamilx tajjeb ghal dik il-hsara, l-koperazzjoni u l-ghajnuna li wiehed ikun ta lill-pulizija fil-kors tal-investigazzjoni (li f’dan il-kaz kien hemm ghajnuna mill-imputati Steve Galea u Ryan Debattista), l-ammissjoni bikrija (b’mod li l-istat ma jinkorrix f’aktar spejjez – li f’dan il-kaz kien hemm), jekk il-persuna misjuba hatja hix perikoluza (li fir-rigward ta’ dawn iz-zewg imputati ma jidhirx li hu l-kaz f’dan l-istadju) u/jew x’indikazzjonijiet hemm li hija tista’ terga’ tikkommetti reat iehor (simili jew ta’ xorta ohra), u hafna u hafna cirkostanzi ohra.

Fir-rigward ta’ **Ryan Debattista** wahdu.

Jinghad li dan gie akkuzat b’numru sostanzjali ta’ serqiet minn diversi Petrol Stations madwar Malta kif ukoll minn restaurant f’Hal Luqa u talli ikkaguna hsarat volontarji liema akkuza pero’ hija inkorporata fl-aggravju tal-mezz fir-reati ta’ serq stante li minn dak li irrizultalha mill-istqarrija tieghu l-hsara kienet il-mezz ghas-serq. Gie ukoll akkuzat talli kiser il-liberta’ provizorja moghtija lilu b’digriet ta’ din il-Qorti diversament preseduta nhar is-26 ta’ Ottubru 2007.

Illi minn ezami tal-istqarrija tieghu rilaxxjata nhar is-27 ta’ Novembru 2011 esebita a fol. 18 jidher li l-imputat ikkoopera bi shih mal-prosekuzzjoni u tant hu hekk li jidher li bis-sahha tieghu l-prosekuzzjoni hija f’posizzjoni li takkuza u tressaq l-Qorti ir-raba’ persuna in konnessjoni ma whud minn dawn ir-reati. Pero’ ma jidhirx li l-imputat ghamel tajjeb ghal hsarat subiti minn terzi.

Meta akkuzat jammetti l-akkuzi dedotti kontra tieghu fi stadju bikri tal-proceduri (kif gara f’dan il-kaz), dan ghandu jibbenefika minn xi riduzzjoni fil-piena. Naturalment, dan

ma japplikax ghal kull kaz u l-Qorti trid tqis ukoll ic-cirkostanzi fejn u meta stqarr l-ammissjoni tieghu l-imputat, cioe' : jekk hux fil-mument tal-investigazzjoni (kif gara f'dan il-kaz), jekk hux fil-mument tal-prezentata l-Qorti (kif sussegwentement gara f'dan il-kaz ukoll), jekk hux fil-bidu tal-proceduri qabel ma l-Prosekuzzjoni bdiet bil-provi taghha jew jekk l-ammissjoni gietx registrata aktar tard fil-proceduri, bl-isperanza li jkun hemm xi zball tekniku fil-procedura.

Fil-fatt **Archbold** a fol 528 tal-ktieb tieghu ***Criminal Pleading - Evidence & Practice*** - 1997 edition, jghid:
"*It will seldom be appropriate to impose the maximurn sentence, in a case where there are substantial mitigating factors. An offender who pleads guilty to a charge may normally expect some recognition in the form of a reduction in the sentence which would have been appropriate on a conviction by the jury; it will seldom be appropriate to impose the maximum sentence on an offender who has pleaded guilty*".

Il-Qorti taqbel ma' din l-linja ta' osservazzjonijiet in generali, pero' l-kwistjoni li trid tigi trattata hija kemm ghandha tkun ir-riduzzjoni.

**Archbold** fl-opera fuq citata a fol. 548 jghid:

*"The extent of the discount to be allowed has never been fixed, but cases in which reduction of sentence have been made by the Court of Appeal on this ground suggest that it is normally between 1/5 and 1/3 of the sentence which would be imposed as a conviction by a Jury."*

**Lord Taylor CJ** qal:

"*There was no absolute rule as to what the discount should be but as a general guidance the Court believed that something of the order of 1/3 would be an appropriate discount."*

Cirkostanza ohra li bhala regola ghandha tittiehed in konsiderazzjoni fl-ghoti tal-piena f'kaz ta' ammissjoni tkun

effettivament ghenet biex il-kaz jigi deciz kemm jista jkun malajr u minghajr spejjez inutili ghall-pubbliku. F'dan il-kaz jirrizulta bic-car li l-ammissjoni tal-imputat saret fil-bidu nett tal-proceduri u l-Qorti ghalhekk thoss li dan kollu ghandu jitqies bhala *mitigating factor* sabiex l-piena ma tigix inflitta fil-massimu.

Illi f'dan il-kaz l-imputat ma giex akkuzat talli huwa recidiv u ghalhekk hija ghandha xelta x'taghmel meta tigi biex terroga il-piena idoneja u dan ghaliex f'dawn ic-cirkostanzi mhix projbita milli tapplika xi probation order jew xi suspended sentence. Jinghad li l-imputat ghalkemm ghandu fedina penali relattivament nadifa gie akkuzat li kkommetta diversi serqiet u mhux serqa wahda u ghalhekk il-Qorti ghandha tiehu dan il-fatt in kunsiderazzjoni fl-ghoti ta' piena fir-rigward tal-akkuzi kollha salv u b'eccezzjoni ghal hmistax-il akkuza li dwarha l-Qorti ser tesprimi ruhha aktar tard.

Ghalhekk fic-cirkostanzi kif spjegati aktar 'l fuq il-Qorti hija tal-fehma li ghandha timponi piena karcerarja fuq l-imputat Ryan Debattista pero' minhabba ic-cirkostanzi specjali li jezistu fir-rigward ta' dan l-imputat u cioe' li ghandu fedina relattivament nadifa salv ghal conviction wahda ta' portata zghira, il-fatt li kkopera mal-prosekuzzjoni sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni u li l-prosekuzzjoni solvew diversi kazijiet bil-ko- operazzjoni tieghu, l-ammissjoni bikrija u l-eta' zghira hija ghandha tissospendi l-applikazzjoni immedjata taghha. **Ghalhekk wara li rat l-Artikoli tal-Ligi fuq citati Artikoli 48 A, 49, 50, 277 (b), 280 (2), 289, 325 (b), 533 u 579(2)(3) tal-Kapitolu 9 bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A qieghda tikkundanna ghal <u>prigunerija ta' sentejn sospizi ghal erba' snin</u> bil-ghan li tali piena isservi bhala mannara fuq ras l-imputat u izzommu 'l boghod mill-hajja ta' kriminalita'.**

L-imputat Ryan Debattista stqarr li huwa ghandu problema ta' abbuz ta' droga. Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat u kellu din il-problema serja hafna u f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti

dejjem tat kull opportunita’ sabiex vittmi ta' droga jfiequ minn dan il-vizzju.

Din il-Qorti dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien quddiemha ried tassew u genwinament johrog minn dan il-problema u min wera rieda tajba w affidabilita’ u ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata cans li jfieq u jerga’ jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta’.

Illi f'dan il-kaz il-Qorti thoss li ghandha taghti cans lill-imputat sabiex jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta’ li wara kollox hu wkoll jaghmel parti minnha u dan ghaliex temmen li l-isforz tieghu jista’ jkun wiehed genwin u **ghalhekk hija sejra <u>tpoggi lill-imputat taht ordni ta’ supervizjoni ai termini tal-Artikolu 28G (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta</u> u dan skond l-ordni annessa ma’ din is-sentenza u cioe’ ghaz-zmien kollu tas-sentenza sospiza.** Dan qed taghmlu bil-ghan li l-ufficcjal tas-Supervizjoni jghin lill-imputat izomm ‘l boghod mill-hazen u jgibu japprezza l-hajja u r-responsabbilitajiet taghha.

**Dwar l-akkuza li l-imputat Ryan Debattista** kiser il-kundizzjoni tal-liberta’ provizorja moghtija lilu minn din il-Qorti diversament preseduta nhar is-26 ta’ ottubru 2007, il-qorti rat li l-imputat irregistra ammissjoni ghaliha wkoll u ghalhekk m’ghandhiex triq ohra salv li issibu hati taghha. Il-Qorti tqis li reat bhal dan huwa reat serju hafna u dan ghaliex l-imputat ikun wera nuqqas ta’ rispett lejn l-Awtorita’ tal-Qorti u ghalhekk immina ir-rispett taghha. **Ghaldaqstant, fir-rigward ta’ din l-akkuza biss qed tikkundannah xahar prigunerija u tordna li z-zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv fir-rigward ta’ dan il-kaz jitnaqqas mill-piena moghtija. Tordna wkoll li jhallas is-somma ta’ Euro 2,329.37 moghtija minnu bhala garanzija personali lil Gvern ta’ Malta u dan fi zmien sentejn mil-lum.**

Fil-konfront ta’ **Steve Galea.**

Il-Qorti qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u rat li l-imputat gie akkuzat b’numru kbir ta’ serqiet minn petrol stations. Rat ukoll li pero’ l-ko-akkuzat Debattista kellu xi akkuzi

ohra u hu appuntu ghalhekk li l-piena sejra tkun differenti. Rat li l-imputat Galea ikkopera hafna mal-prosekuzzjoni sa mill-bidu nett tal-investigazzjonijiet tant li ta hafna informazzjoni utili lill-ufficjal investigattiv dwar ir-reati *in desamina* u bl-ghajnuna tieghu l-ufficcjal prosekutur irnexxielu jsolvi numru kbir ta' reati f'daqqa u sahansitra anke ta informazzjoni dwar terza persuna li l-pulizija tista' tressaq ukoll l-Qorti u takkuza b'numru ta' serqiet. Rat li l-imputat Galea ghandu fedina penali netta u ghandu ghalhekk jigi trattat bhala *a first time offender*. Minn naha l-ohra pero' l-Qorti rat li l-imputat gie akkuzat b'numru kbir ta' serqiet u li ma ghamilx tajjeb ghad-danni sofferti minn terzi persuni li huma l-vitmi f'dan il-kaz u ghalhekk thoss li l-piena li din il-Qorti ghandha taghti ghandha isservi bhala deterrent sabiex izomm lill-imputat 'l boghod mill-hajja kriminali u bl-isperanza li iggibu lura fuq it-triq it-tajba u ghalhekk sejra timponi piena karcerarja sospiza u minhabba li l-imputat Galea stqarr li ghandu problema ta' abbuz ta' droga hija sejra wkoll tpoggih taht ordni ta' supervizjoni bil-ghan li izzommu 'l boghod minn dan il-vizju mishut li qabad f'eta' relattivament zghira. **Ghalhekk tiddikjara wara li rat l-Artikoli tal-Ligi fuq citati u cioe' Artikoli 48 A, 49, 50, 277 (b), 280 (2), 289, 325 (b), 533 u 579(2)(3) tal-Kapitolu 9 li qed <u>tikkundannah ghal prigunerija ta' tmintax-il xahar sospizi ghal erba' snin ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna ghalhekk li l-imputat jitpogga taht ordni ta' supervizjoni ai termini ta' l-Artikolu 28G (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta</u> skond l-ordni annessa ma' din is-sentenza ghal perjodu kollu tas-sentenza sospiza.**

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Probation Services bil-gjan li jigi appuntat kandidat idoneju sabiex jiehu hsieb lill-imputati Ryan Debattista u Steve Galea bil-ghan li zzommhom fit-triq it-tajba.

Il-Qorti tat kopja ta' din is-sentenza lill-imputati Galea u Debattista u spjegatilhom x'jigri f'kaz li jonqsu li josservawha u l-konsegwenzi ta' ksur ta' sentenza sospiza.

Fl-ahhar nett fir-rigward tal-imputat Stephen Mifsud, il-Qorti taghti ir-rakkomandazzjoni taghha lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex jghin lill-imputat jipprova jittratta l-problema serja li huwa ghandu ta' abbuz u tehid ta' sustanzi illeciti.

Dwar it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lill-imputati ihallsu l-ispejjez tal-esperti nominati ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, minn ezami tal-process ma jirrizulta li saret l-ebda nomina f'dan ir-rigward u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha.

Tordna wkoll li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lill-Avukat Generali flimkien ma' l-atti kollha ta' dan il-process fi zmien tlett ijiem mil-lum ai termini tal-Artikolu 401 (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------